## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 5 TA’ SETTEMBRU, 2001

**Numru 28**

**Avviz Nru: 1664/00AE**

**Carmelo u Josephine konjugi Difesa**

**vs**

**St. Paul’s Court Limited**

**It-Tribunal:**

Ra t-talba ta’ l-atturi sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta’ mija u erbghin lira Maltija (Lm140) bilanc minn somma akbar ghal danni sofferti mill-atturi billi s-socjeta konvenuta bieghet fond li ma kienx tal-kwalita pattwita peress li kien affett minn hafna hsara.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha ddikjarat li:

1. It-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni peress li t-talba hija marbuta ma’ bejgh ta’ beni mmobbli;

2. L-irritwalita tat-talba peress li l-atturi ma ddikjarawx dwar liema propjeta kienu qeghdin jibbazaw it-talba taghhom;

3. In-nullita tat-talba peress li ma jidhirx cjar jekk il-kawza li saret mill-atturi hijiex wahda ta’ danni, jew fuq il-bazi ta’ immobbli mibjugh li mhux tal-kwalita pattwita, jew li kien hemm xi hlas miftiehem li tieghu diga’ thallas parti minnu.

Ra l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Lulju 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

Ikkunsidra:

1. Illi din is-sentenza titratta l-ewwel eccezzjoni li giet sollevata mis-socjeta konvenuta ghat-talba attrici.

2. Illi permezz ta' nota spjegattiva li giet prezentata mill-atturi fit-18 ta' Jannar 2001 gie ddikjarat *"illi t-talba tieghu tikkoncerna l-flat St. Paul's Court, Blk C, No 9, Triq il-Pijunieri, Bugibba/San Pawl.* ***It-talba tieghu qed issir a tenur ta' l-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta****"*.

3. Illi wara digriet moghti minn dan it-Tribunal fid-19 ta' Lulju 2001 l-atturi hadu hsieb jipprezentaw kopja tal-kuntratt ta' akkwist. Minn qari ta' dan il-kuntratt jirrizulta li l-fond inxtara ghall-valur ta' tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000)

4. L-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi:

   > *"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar,* ***ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni****, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit"*.

5. It-talba ghall-hlas ta' danni taht dan l-Artikolu hija possibbli biss fejn l-akkwirent jaghzel li jmur lura mill-kuntratt, igifieri li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' bejgh (ara f'dan ir-rigward **Nadia Cassar et vs Charles Pace** (Cit. Nru: 36/94JDC) deciza mill-Qorti tal- fit-13 ta' Marzu 1995; **George Peresso nomine vs Victor Calleja nomine** (Cit. Nru: 4/91JDC) deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Gunju 1995).

6. Ghalhekk sabiex l-atturi jkunu jistghu jaslu ghal talba ghad-danni jrid jigi ddikjarat ir-rizoluzzjoni tal-bejgh tal-fond. Peress li fl-atti processwali hemm dikjarazzjoni espressa min-naha ta' l-atturi li dawn il-proceduri qeghdin isiru ghat-tenur ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16, it-Tribunal mhux ser joqghod jidhol fil-kwistjoni jekk l-atturi verament fehmux il-portata ta' dan l-Artikolu. It-Tribunal huwa marbut li japplika l-ligi. F'dan l-istadju ghalhekk it-Tribunal ser jillimita ruhu ghal kwistjoni jekk taht dawn ic-cirkostanzi ghandux il-kompetenza sabiex jiddecidi l-meritu tal-kawza odjerna.

7. Illi l-Artikolu 3(2) ta' l-Att V tal-1995 jipprovdi li, *"It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija"*. Ghalkemm l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' mija u erbghin lira Maltija (Lm140) dan ma jfissirx b'daqshekk li t-talba taghhom taqa' taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

8. It-talba kif saret mill-atturi tinvovli necessarjament indagni min-naha tat-Tribunal jekk l-atturi ghandhomx il-jedd li jitolbu r-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta'

akkwist. Materja li minhabba l-valur tal-fond, tezorbita l-kompetenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Vincent Caruana** deciza fis-27 ta' Ottubru 2000).

Ghal motivi fuq premessi t-Tribunal qieghed jiddecidi din il-vertenza billi jiddikjara li m'ghandux il-kompetenza sabiex jiddecidi t-talba ta' l-atturi u ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba taghhom, salv u mpregudikat kwalsiasi rimedju iehor li jista' ghandhom l-atturi skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi (eskluzi d-dritt ta' l-avukat u/jew tal-prokuratur legali u dan ghat-tenur ta' l-Artikolu 10(2) tal-Kap. 380).

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**